SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2010**

**SEDUTA NUMRU 27**

**L-ERBGĦA 15 ta' LULJU 2009 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-4.45P.M.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| JOSEPH BONELLO | VIĊ SINDKU |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| RENE`ROSSINGAUD | KUNSILLIER |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I PROĠETT TA' COMMUNITY SERVICES AND RECREATIONAL CENTRE FI TRIQ IL-ĦEMEL - SWIEQI

Is-Sindku nfurmat dwar laqgħa li kellha ma' l-Onorevoli Chris Said fl-uffiċċju tiegħu fil-berġa ta' Kastilja nhar l-Erbgħa 8 ta' Lulju 2009. Is-suġġett ta' din il-laqgħa kien dwar l-aħħar żviluppi fil-proġett ta' Community Services and Recreational Centre fi Triq il-Ħemel.
Għal din il-laqgħa kienu preżenti wkoll il-Perit tal-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku nfurmat li l-pjanti tal-proġett fi Triq il-Ħemel ġew sottomessi lill-MEPA għall-approvazzjoni, pero' dawn ġew rifjutati minħabba li l-kostruzzjoni tista ssir biss fuq l-istess *footprint* tal-bini eżistenti. Is-Sindku rrimarkat li dan ikun żgħir wisq biex jakkomanda l-ħtiġijiet kollha tal-Kunsill.
Il-Perit tal-Kunsill kellu laqgħa ma' uffiċċjali tal-MEPA sabiex jipprova ikkonvinċi peress li dan ser ikun proġett għal komunita'. Dawn infurmaw li dan ikun impossibli anki minħabba li dan il-bini imur kontra il-Local Plan.
L-Onor. Said irrikomanda li ladarba din l-applikazzjoni ġiet irrifjutata allura l-Kunsill għandu jikkonċentra dwar Triq il-Keffa.
Dr. Said nforma wkoll li l-finanzi għal espropjazzjoni lesti pero' għandu bzonn immedjatament l-sketches tal-proġett.
Is-Sindku nfurmat li għal din il-seduta tal-Kunsill hawn preżenti l-Perit sabiex hu jispjega aktar fid-dettal. Għaldaqstant hi ppropniet li l-laqgħa tiġi sospiża. Il-Kunsill qabel. Il-Kunsillier Fenech ssekonda. Ħin 5.15p.m.

*Il-Perit tal-Kunsill spjega fid-dettal dwar dak kollu li qalet is-Sindku. Hu nforma li fil-laqgħa li kellu mal-MEPA dan ġie nfurmat, li l-permess għall-proġett fil-ġnien ta' Triq il-Ħemel ma jistgħax jiġi approvat għal raġunijiet li spjegat is-Sindku, pero' ingħata l-parir li dan il-proġett jista' ssir fuq l-art ta' Triq il-Keffa. Għaldaqstant hu ssuġerixxa li immedjatament għandha ssir laqgħa mal-MEPA sabiex jiġu spjegati xi kundizzjonijiet u rikjesti li timponi l-awtorita'.*

*Il-laqgħa reggħet bdiet Ħin 5.45p.m.*

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## I PROĠETT TA' COMMUNITY SERVICES AND RECREATIONAL CENTRE FI TRIQ IL-ĦEMEL – SWIEQI (jkompli..............)

Il-Kunsillier Fava rrimarka li huwa sorpriż li s-Segretarju Parlamentari Dr. Said qed jissuġerixxi l-Kunsill għandu jħejju pjanti ta' proġett biex jinbena fuq l-art ta' Triq il-Keffa.
F' waħda mis-seduti tal-Kunsill kemm is-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll is-Sindku kienu nfurmaw li Dr. Said staqsa biex isiru l-pjanti tal-proġett fuq l-art ta' Triq il-Ħemel meta diġa kien hemm indikazzjonijiet li jista jkun hemm oġġezzjoni mill-MEPA minħabba li l-kostruzzjoni trid issir fuq l-istess foot print tal-bini eżistenti. Biex saru l-pjanti l-Kunsill nefaq €1630. Naturalment ser jerġaw isiru spejjes oħra biex isiru l-pjanti ġodda ta' l-istess proġett fi Triq il-Keffa.

Il-Kunsillier informa li jistageb kif fi proġett tant bżonnjuż għall-lokalita' tagħna, il-Gvern ma ħasx il-ħtieġa li jintervjeni mall-MEPA biex tinstab soluzzjoni. Hu informa wkoll li kien hemm kazijiet oħrajn bħal tas-Swieqi per eżemplu fl-uffiċini amminstrattivi tal-Kunsill ta' Raħal Ġdid li qed jinbena eżatt f'nofs playing field.

Għaldaqstant l-istess Kunsillier ssuġġerixxa li qabel ma jsiru xi sketches jew pjanti ġodda għal Triq il-Keffa, ikun aħjar li l-ewwel issir il-laqgħa mal-MEPA u wara issir l-laqgħa ma' l-Onor. Chris Said risponsabbli mill-Kunsilli Lokali u ma' Onor. Jason Azzopardi responsabbli mill-artijiet.
L-għan ta' din il-laqgħa huwa sabiex jiġi stabbiliet x' kundizzjonijiet u merti li jista' jitlob l-Gvern Ċentrali fuq din l-art. Din il-laqgħa sservi wkoll biex ma jsirux spejjes bla bżonn bħal ma sar fil-kaz ta' Triq il-Ħemel.

Il-Kunsill qabel li jsiru dawn iż-zewġ laqgħat.

Il-Kunsillier Curmi staqsa jekk il-proġett il-ġdid jistgħax b' xi modd ikollu xi konflit mall-proġett li kien ser isir u li kien inkarigat minnu il-Perit Camilleri. Is-Sindku nfurmat li mhux ser ikun hemm konflit peress li dan huwa proġett differenti kif ukoll li dwar il-ħlasijiet ta' pjanti tal-proġett ta' qabel id-deċiżjoni ser tittiehed mill-Qorti.

Billi l-kunsilliera ma kellhomx aktar x' jiddiskutu, s-Sindku għalqet il-laqgħa fis-6.15p.m.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**